



Brussell, 29 ta' Mejju 2019  
(OR. en, de)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2017/0291(COD)

---

---

9425/19  
ADD 1

CODEC 1106  
TRANS 346  
MI 452  
ENV 492  
CLIMA 144

#### NOTA PUNT "I/A"

|          |                                                                                                                                                                                                                                                                              |
|----------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                             |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                |
| Suġġett: | Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija ( <b>l-ewwel qari</b> )<br>- Adozzjoni tal-att leġislattiv<br>- Dikjarazzjonijiet |

#### Dikjarazzjoni mill-Ġermanja

Il-Ġermanja tappoġġa l-għan tad-Direttiva li tagħmel kontribut biex jintlaħqu l-għanijiet tal-kontroll tat-tniġġis tal-arja u tat-tibdil fil-klima permezz tal-akkwist pubbliku ta' vetturi tat-trasport bit-triq nodfa.

Fuq żmien medju u fit-tul, din id-Direttiva tista' tibgħat sinjali pożittivi lis-suq u tistimola n-naħa tal-provvista ta' vetturi nodfa. Madankollu, xi tipi koperti minn din id-Direttiva jew għadhom sinifikament aktar għoljin jew għadhom mhumiex disponibbli fi kwantitajiet suffiċjenti. Fil-kundizzjonijiet attwali għad ma jistax jiġi previst jekk hux ser ikun hemm għadd suffiċjenti disponibbli fil-futur u jekk is-settur pubbliku jkunx jista' jiflaħ għalihom.

Xi partijiet tad-Direttiva ser jiswew ħafna flus biex jiġu implimentati u ser jinvolvu ammont konsiderevoli ta' burokrazija għall-Istati Membri u, b'mod partikolari, l-Istati Membri federali. Bħala riżultat tal-kwoti għoljin għal karożżi tal-linja nodfa li jridu jiġu rispettati fuq medda qasira ta' żmien, ir-rekwiżiti għall-finanzjament ta' trasport pubbliku favur l-ambjent ser jiżdiedu u l-prezzijiet tal-biljetti ser jogħlew għall-utenti.

Għar-raġunijiet ta' hawn fuq, il-Ġermanja ma tistax tapprova d-Direttiva fil-forma attwali tagħha.

### **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Slovakka**

Filwaqt li r-Repubblika Slovakka ġeneralment tappoġġa l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, tixtieq tindika li l-impatti finanzjarji ta' din id-Direttiva ma ġewx ippreżentati fuq il-livell meħtieġ u l-miri previsti fis-settur tat-trasport pubbliku jistgħu jikkawżaw restrizzjonijiet għall-provvista tas-servizzi tat-trasport pubbliku.

Barra minn hekk, il-kostruzzjoni tal-infrastruttura meħtieġa ser toħloq spejjeż addizzjonali.

Is-Slovakkja temmen ukoll li t-tqassir tal-perijodu ta' traspożizzjoni li ġie maqbul fit-test finali ser joħloq problemi fl-implimentazzjoni xierqa tad-Direttiva, kemm fil-livell statali kif ukoll fil-livell reġjonali.

Barra minn hekk, ir-Repubblika Slovakka temmen li l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ser twassal għal żieda fil-piż amministrattiv.

Għal dawn ir-raġunijiet, ir-Repubblika Slovakka ma tistax tappoġġa d-Direttiva.

### **Dikjarazzjoni mill-Estonja**

L-Estonja tappoġġa b'mod sħiħ l-għanijiet u l-oġġettivi tad-Direttiva, li jwittu t-triq lejn mobilità b'livell baxx ta' emissjonijiet. Aħna nappoġġaw u biħsiebna nimxu lejn trasport pubbliku b'emissjonijiet baxxi jew żero.

Madankollu, l-Estonja tixtieq ittenni t-tħassib tagħha dwar is-sottomira ta' 50 % għal karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero (Anness, nota f'qiegħ il-paġna tat-Tabella 5). B'mod aktar preċiż, l-Estonja tqis li s-sottomira tista' timpedixxi l-għażla tat-teknoloġija li taqbel l-aħjar mal-kundizzjonijiet lokali tal-Istati Membri. Il-kapaċità tal-akkwist ta' karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero bħala obbligu fi Stati Membri differenti mhijiex analizzata bir-reqqa. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni ma pprevedietx u lanqas ma analizzat l-istabbiliment ta' sottomira għal karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero. Lanqas ma saret valutazzjoni tal-impatt tal-Kunsill dwar din il-kwistjoni. L-istabbiliment ta' din il-mira hija għażla politika b'impatt sostanzjali fuq l-Istati Membri iżda wkoll fuq l-industrija. Għalhekk, dan it-tip ta' miżura ta' politika ma għandux jiġi adottat bl-għaġġla mingħajr analiżi tal-impatt ulterjuri.

Fil-każ tal-Estonja u b'kont meħud tal-infrastruttura u l-iżvilupp teknoloġiku attwali, inkluż il-prezz tat-teknoloġija, il-karożżi tal-linja elettriċi biss jistgħu jitqiesu bħala b'emissjonijiet żero fis-sens tad-Direttiva. F'dawn l-aħħar snin, tnejn mill-ikbar bliet tagħna kkonkludew kuntratti għal offerti għal trasport pubbliku fit-tul u l-belt kapitali tagħna impenjat ruħha wkoll li ġġedded terz mill-flotta tal-karożżi tal-linja tagħhom fis-snin li ġejjin b'karożżi tal-linja CNG ġodda li jużaw il-bijometan bħala fjuwil. L-istat kien ukoll involut b'mod attiv fl-appoġġ għall-istabbiliment ta' infrastruttura għar-riforniment ta' fjuwil għall-bijometan fil-pajjiż kollu. Aħna naraw il-bijometan bħala alternattiva li tipprovdi fjuwil b'emissjoni żero ta' CO<sub>2</sub> kif ukoll mezz biex tiddaħħal attività ekonomika fiż-żoni rurali bil-produzzjoni ta' bijometan mir-residwi agrikoli. Il-produzzjoni ta' bijometan minn skart bijodegradabbli tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari.

Fl-Estonja, għadd żgħir ta' muniċipalitajiet kbar jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-akkwist tat-trasport pubbliku. Dan iħallina f'sitwazzjoni fejn qabel l-2025, il-biċċa l-kbira tal-kuntratti ta' akkwist għal karożżi tal-linja ser ikunu għal trasport fuq distanza twila fil-livell tal-kontea, mentri l-karożżi tal-linja elettriċi bħalissa huma possibbli biss għat-trasport pubbliku urban peress li l-medda ta' sewqan tagħhom hija limitata. Għalhekk, nirriskjaw li ma tintlaħaqx is-sottomira ta' karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero, tal-inqas matul l-ewwel perijodu sal-2025. L-użu tal-bijometan, li fl-inventarju tal-gassijiet b'effett ta' serra jitqies bħala fjuwil b'emissjoni żero ta' CO<sub>2</sub>, jista' jgħin biex tiġi żgurata transizzjoni aktar faċli għal trasport b'emissjonijiet baxxi f'pajjiżi fejn il-karożżi tal-linja elettriċi jew li jaħdmu bl-idroġenu għadhom mhumieħ alternattiva vijabbli għat-trasport pubbliku reġjonali.

Konsegwentement, u filwaqt li terġa' ttenni l-impenn u l-appoġġ għall-għanijiet u l-oġġettivi tad-Direttiva, l-Estonja jiddispjaċiha li s-sottomira tista' tintlaħaq biss b'karozzi tal-linja elettriki jew li jaħdmu bl-idroġenu. F'dan il-kuntest, l-Estonja ser tastjeni dwar il-proposta leġislattiva attwali.

### **Dikjarazzjoni mill-Awstrija**

L-Awstrija b'mod ġenerali tappoġġa l-oġġettivi ta' din id-Direttiva u tenfasizza l-ħtieġa li jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima permezz ta' miżuri ċari. Madankollu, l-Awstrija hija mħassba li l-impatti finanzjarji ta' din id-Direttiva għadhom mhumieħ ċari u l-miri previsti fis-settur tat-trasport pubbliku jistgħu jwasslu għal restrizzjonijiet fil-provvista ta' servizzi tat-trasport pubbliku. Barra minn hekk, il-kostruzzjoni tal-infrastruttura meħtieġa ser toħloq spejjeż addizzjonali. Għalhekk, l-Awstrija tappella lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrakkomanda miżuri nazzjonali ta' appoġġ biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din id-Direttiva, speċjalment fir-rigward tat-trasport pubbliku, kif ukoll biex tipprovdi appoġġ u programmi ta' finanzjament fil-livell tal-UE biex tiġi appoġġata t-transizzjoni għal vetturi nodfa. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva ser twassal ukoll għal żieda enormi fil-piż amministrattiv. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Awstrija ma tistax taċċetta d-Direttiva u tastjeni milli tivvota.

### **Dikjarazzjoni mill-Polonja**

Il-Polonja tappoġġa bis-sħiħ l-għan ġenerali tad-Direttiva proposta emendata li tiżdied l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi nodfa, jiġifieri vetturi b'emissjonijiet baxxi jew żero, fl-akkwist pubbliku u b'hekk tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet globali tat-trasport u għall-kompetittività u t-tkabbir fis-settur tat-trasport.

Mill-bidu tal-proċess, il-Polonja ppreżentat l-approċċ ta' sostenn tagħha għall-proposta tal-Kummissjoni Ewropea u kienet impenjata li jintlaħaq l-aktar kompromess xieraq, li jkun minn naħa waħda, ambizzjuż biżżejjed biex jintlaħaq l-għan deskritt, u min-naħa l-oħra, li jista' jiġi implimentat.

Aħna nqisu l-livell ta' ambizzjoni propost inizjalment mill-Kummissjoni Ewropea bħala bbażat fuq l-evidenza u diġà ambizzjuż ħafna. Fl-opinjoni tagħna, mhuwiewx xieraq li jiżdied il-livell tal-miri għall-vetturi ħfief (LDV) mingħajr kuntest analitiku sod, b'mod partikolari peress li l-livell aktar baxx ta' ambizzjoni għall-miri LDV proposti mill-Kummissjoni irriżulta mill-valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' LDV nodfa u l-maturità ta' dan is-suq. Barra minn hekk, il-Polonja hija tal-fehma li l-perijodu ta' implimentazzjoni għandu jkun ta' 30 xahar.

Perijodu itwal ma jaffettwax b'mod negattiv l-għanijiet tad-Direttiva emendata. Għall-kuntrarju, jagħti valur miżjud għall-kwalità tal-miżuri ta' implimentazzjoni. Id-Direttiva emendata ma tinkludix soluzzjonijiet lesti, li l-implimentazzjoni tagħhom tiggarantixxi l-kisba tal-għanijiet previsti. It-traspożizzjoni tad-Direttiva fil-liġi nazzjonali ser teħtieġ analiżi bir-reqqa kif ukoll żvilupp, testijiet u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ġodda sabiex jintlaħqu l-għanijiet stabbiliti.

F'kull pajjiż hemm speċifikitajiet differenti tar-regġuni individwali u komunitajiet lokali, strutturi, dipendenza amministrattiva u tipi ta' entitajiet li jixtru vetturi jew li jipprovdu servizzi permezz tal-użu tagħhom. Is-soluzzjonijiet ġodda x'aktarx ikunu jeħtieġu bidliet estensivi fil-liġi li ser jgħaddu mill-proċess parlamentari.

Għalhekk, il-Polonja ma tistax tappoġġa d-Direttiva fil-forma attwali tagħha.

### **Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka**

Filwaqt li r-Repubblika Ċeka tirrikonoxxi b'mod sħiħ il-hteġa li tiġi avvanzata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport, din id-Direttiva l-ġdida tqajjem it-tħassib profund tagħna, mhux biss b'mod ġenerali fir-rigward tal-livell ta' ambizzjoni iżda b'mod aktar speċifiku f'dak li jirrigwarda l-impatt negattiv possibbli fuq il-kwalità tat-trasport pubbliku.

Aħna nistennew li l-Kummissjoni timmonitorja b'mod kontinwu kif din id-Direttiva ser tolqot lill-awtoritajiet kontraenti. Id-Direttiva jista' jkollha impatt speċjalment fuq l-awtoritajiet responsabbli għall-ġħoti ta' kuntratti pubbliċi ta' servizz skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007, li jkollhom bħala suġġett il-provvista ta' servizzi tat-trasport tal-passiġġieri. Il-Kummissjoni għandha tkun kapaċi tippreżenta miżuri korrettivi adegwati jekk l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva twassal f'xi pajjiżi jew reġjuni għal tnaqqis fl-ambitu tat-trasport pubbliku taħt l-obbligi tas-servizz pubbliku.

Nistiednu wkoll lill-Kummissjoni tesplora l-miżuri kollha possibbli għall-appoġġ futur tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fil-qasam tat-trasport pubbliku inkluż miżuri marbuta mar-regoli tal-ġħajnuna tal-istat.

---